# L-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-GRUPP PARLAMENTARI
TAL-PARTIT
TAS-SOĊJALISTI EWROPEJ

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tad-demokrazija. Madankollu, id-diskriminazzjoni abbażi ta' sess għadha teżisti. Jiġifieri n-nisa aktarx li jispiċċaw bla xogħol iktar mill-irġiel, x'aktarx jispiċċaw jaħdmu f'impjieg temporanju iktar mill-irġiel u x'aktarx jispiċċaw jagħmlu x-xogħol tal-*part timers*.



Biex tikseb iktar informazzjoni dwar il-ħidma tas-Soċjalisti Ewropej fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, jekk jogħġbok żur dawn il-websites:

↓

**Grupp PES:**
**http://www.socialistgroup.org**
**PES:**
**http://www.pes.org**






**Kuntatti**
Il-Grupp Parlamentari
tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej,
Parlament Ewropew, Rue Wiertz, B-1047 Brussell
Tel.: +32 2 284 14 40
E-Mail: peswbprogramme@europarl.eu.int



GE - MT
Resp. editor: Christine Verger, PES Group, Wiertz Str., B-1047 Brussels
Design/production: Mostra Communication








**L-Unjoni Ewropea**
↓
## L-Ugwaljanza Prinċipju Bażiku

L-Unjoni Ewropea kienet il-mutur ewlieni wara d-dikjarazzjoni finali ta' l-ikbar konferenza dwar l-opportunitajiet indaqs f'Beijing fl-1995. Il-konklużjonijiet tal-konferenza ffukaw fuq id-drittijiet tan-nisa, l-importanza ta' l-indipendenza ekonomika tan-nisa, is-sehem indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fil-proċess tad-deċiżjonijiet u l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħidmiet politiċi u amministrattivi kollha.

Il-prinċipji bażiċi tal-liġi ta' l-Unjoni Ewropea huma:

- Paga indaqs għall-ħaddiema irġiel u nisa; inħaddmu l-principju "paga indaqs għal xogħol indaqs".
- Trattament ugwali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għax-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol sabiex neliminaw id-diskriminazzjoni.
- Trattament ugwali għan-nisa u għall-irġiel li huma *self-employed*.
- Titjib fis-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema nisa li huma tqal jew li għadhom kif welldu.
- Ir-rabta sħiħa bejn il-familja u d-dinja tax-xogħol *(parental leave :* id-dritt li żżomm ix-xogħol li għandek meta tieqaf għal ċertu żmien biex tieħu ħsieb il-familja.)

**Is-Soċjalisti Ewropej**
↓
## Opportunitajiet Indaqs ifissru Ugwaljanza !

It-Trattat ta' Amsterdam jisħaq li ċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni Ewropea, kemm irġiel kif ukoll nisa, għandhom drittijiet indaqs. It-Trattat ta' Amsterdam huwa mezz biex noħolqu politika Ewropea ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

Is-Soċjalisti Ewropej jisħqu li l-mara għandha tipparteċipa b'mod sħiħ fid-dinja tax-xogħol, u għandha jkollha d-dritt tidħol għal kull tip ta' xogħol u għal kull tip ta' taħriġ. Is-Soċjalisti Ewropej isostnu l-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u għall-irġiel f'kull tip ta' xogħol u ħidma.

Kull mara fl-Unjoni Ewropea involuta fi strutturi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet politiċi u soċjali għandha jkollha d-dritt sħiħ li tħaddem kull livell ta' responsabilita`: lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropea. Is-sehem sħiħ tan-nisa f'kull saff soċjali huwa garanzija ta' demokrazija li tiffunzjona u taħdem tajjeb. Is-sehem tan-nisa fil-politika m'hux biss dritt izda huwa wkoll mezz għall-progress soċjali.

Is-Soċjalisti Ewropej, jisħqu li għandu jkun hemm bilanċ bejn in-numru ta' nisa u rġiel fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

**Il-Ġid għaż-żmien li ġej**
↓
## Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel f'Ewropa Ikbar

L-applikazzjoni tal-legislazzjoni Ewropea dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija kondizzjoni neċessarja għas-sħubija. Id-dibattitu dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel huwa parti integrali mill-kwistjoni tad-drittijiet umani u ta' l-iżvilupp ta' l-istituzzjonijiet.

Bħala parti mill-proċess tat-tkabbir, il-Parlament Ewropew kien talab li l-pajjiżi kandidati jingħataw għajnuna finanz-jarja sabiex jaġġornaw il-proċeduri u l-mod li bih jinġabru l-istatistiċi tagħhom ħalli jkunu jaqblu ma' l-istandards Ewropej. L-għan huwa li tkun żviluppata u mxerrda statistika li tifred l-irġiel min-nisa ħalli l-istatistika tkun bħal dik ta' l-Unjoni Ewropea. B'dan il-mod nużaw l-istatistika ħalli noħolqu kuxjenza dwar il-problemi li jeżistu, ikun iżjed faċli tqabbel fejn waslu s-soċjetajiet differenti u nkunu nistgħu nistħarrġu s-sitwazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.


